PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10538 — VINCI / LINEAS / LUSOPONTE)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 509/11)

1. Fid-9 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— VINCI Highways S.A.S ("VINCI", Franza), li tappartjeni għall-Grupp VINCI (Franza),

— LINEAS - CONCESSÕES DE TRANSPORTES, SGPS, S.A. ("LINEAS", il-Portugall), ikkontrollata minn Mota-Engil SGPS, S.A. (il-Portugall) u GNB - Concessões SGPS, S.A. (il-Portugall),

— Lusoponte - Concessionária para a Travessia do Tejo S.A ("Lusoponte", il-Portugall).

VINCI u LINEAS jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Lusoponte kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— VINCI: attiva prinċipalment fis-settur tal-konċessjonijiet tal-awtostradi. Hija tappartjeni għall-Grupp VINCI, grupp diversifikat attiv prinċipalment fi Franza u f'diversi pajjiżi oħra, kemm fl-Unjoni Ewropea kif ukoll barra minnha, fl-oqsma tal-konċessjonijiet u l-infrastrutturi (prinċipalment ajruporti u awtostradi), il-bini, ix-xogħlijiet pubbliċi u l-inġinerija ċivili, l-inġinerija elettrika, l-inġinerija bl-arja kondizzjonata, l-inġinerija mekkanika u x-xogħlijiet fit-toroq,

— LINEAS: tiġġestixxi l-ishma f'kumpaniji li joperaw esklużivament fis-settur tal-konċessjonijiet pubbliċi u privati tat-toroq kif ukoll f'kumpaniji li jipparteċipaw f'akkwisti pubbliċi u privati għall-konċessjonijiet tat-toroq, tal-ferroviji u tal-ajruporti. LINEAS hija attiva fil-Portugall, Spanja u l-Brażil,

— Lusoponte: hija għandha l-konċessjoni għat-tfassil, il-kostruzzjoni, il-finanzjament, l-operat u l-manutenzjoni tal-proġett taħt sistema ta' pedaġġ tal-Pont Vasco da Gama u l-Pont ta' 25 de Abril fuq ix-Xmara Tagus f'Lisbona, li se tiskadi f'Marzu 2030.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10538 — VINCI / LINEAS / LUSOPONTE

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.